MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1121/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553).**

**vs**

**Vincent *sive* Vince Azzopardi f'ismu propju u ezercenti l-kummerc ghan-nom ta' Vince Garage.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 23 ta' Novembru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' sebat elef sitt mija disgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,629.75) bilanc ta' somma akbar

rapprezentanti prezz ta' diversi *premia* u boll dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici favur il-konvenut, kif jidher mill-i*statement* hawn anness u mmarkat bhala Dok "A";

Illi ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi u *nonostante* diversi tentattivi biex din il-kwistjoni tirrizolvi ruhha amikevolment u weghdiet da parti tal-konvenut li kien ser ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-ammont fuq imsemmi ghadu kollu dovut;

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat biex ihallas, anke permezz ta' ittra uficjali datata 18 ta' Settembru 2003, baqa' indempjenti (Ara Dok. "B" hawn anness);

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef sitt mija disgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,629.75), rapprezentanti prezz ta' diversi *premia* u boll fuq imsemmija u dovuti kif intqal fuq.

Bl-imghax legali fuq l-imsemmija somma u bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru 2003 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok "A" u Dok "B" kif jidher a fol. 4, 5 u 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-7 ta' Frar 2006.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 19 ta' Dicembru 2005 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici mhux kollu dovut billi l-istess qed tippretendi l-hlas ta' *premia* relattivament ghall-assigurazzjoni ta' vetturi li ma jistghux jigu ritenuti li kienu ta' propjeta` ta' l-eccipjenti b'mod li ma seta' jezisti ebda nteress assigurabbli.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta u l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2006 u tal-5 ta' April 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Louise Sant Fournier ghas-socjeta` attrici li ddikjarat li ghandha xhieda biss bl-affidavit f'dan l-istadju. Inghata digriet ta' l-affidavit lill-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) jum kull wiehed. Dr. Leon Bencini ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-konvenut issejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta' Gunju 2006.

Rat in-nota tal-konvenut datata 15 ta' Mejju 2006 a fol. 18 tal-process li biha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 15 ta' Mejju 2006 a fol. 22 li permezz taghha pprezentat l-affidavit bid-dokumenti annessi ta' Rose Desira.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat 15 ta' Gunju 2006 (fol. 128) fejn l-esponenti talbet lill-Qorti taghtiha l-fakulta` li tressaq lil Leslie Borg sabiex jaghti x-xhieda tieghu jew bl-affidavit jew *viva voce* skond kif tiddeciedi din il-Qorti, u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti, bid-digriet taghha moghti fl-20 ta' Gunju 2006 estendiet ghall-ahhar darba z-zmien sabiex is-socjeta` attrici taghlaq il-provi taghha bl-affidavits fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' l-istess digriet.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Louise Sant Fournier ghas-socjeta` attrici. Il-konvenuti u Dr. Leon Bencini

ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Louise Sant Fournier talbet li tipprezenta affidavit ukoll ta’ Vittorio Laferla, minbarra dak ta’ Leslie Borg. Dr. Leon Bencini u l-konvenut issejhu diversi drabi ohra baqghu ma dehrux. Il-Qorti laqghet it-talba bl-istess terminu ta’ l-affidavit diga` moghti. Il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tal-5 ta’ April 2006 ghar-rigward l-affidavits tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Novembru 2006 ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-nota tas-socjeta` attrici datata s-7 ta’ Lulju 2006 (fol. 132) li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ Victorio Laferla u dak ta’ Leslie D. Borg, u dawn sabiex iservu bhala prova fil-kawza skond id-digriet ta’ din l-Qorti ta’ l-20 ta’ Gunju 2006 u tal-verbal tal-21 ta’ Gunju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta’ Novembru 2006 (fol. 137) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Louise Sant Fournier ghas-socjeta` attrici. Dr. Leon Bencini u l-konvenut issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux u *in vista* ta’ dan, il-Qorti filwaqt li rrevokat “*contrario imperio*” d-digriet taghha tat-23 ta’ Mejju 2006, cahdet it-talba fir-rikors tal-konvenut datat 18 ta’ Mejju 2006 u dan anke peress li tali rikors lanqas biss gie segwit mill-konvenut innifsu. Il-kawza giet differita biex isir il-kontro-ezami tal-konvenut ghat-8 ta’ Frar 2007; u tat-8 ta’ Frar 2007 fejn dehret Dr. Louise Sant Fournier ghas-socjeta` attrici. Deher il-konvenut. Dr. Leon Bencini ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Xehed bil-gurament il-konvenut Vincent Azzopardi in kontro-ezami. Dr. Sant Fournier iddikjarat li m’ghandhiex provi aktar u trattat il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ *ostakolu* ghas-26 ta’ April 2007, u l-ordni ta’ din il-Qorti fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta’ Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenut huwa debitur taghha fl-ammont ta' sebat elef sitt mija disgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,629.75) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' diversi *premia* u boll dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici favur il-konvenut, kif jidher mill-i*statement* hawn anness u mmarkat bhala Dok "A" li jinsab a fol. 5 tal-process.

Illi l-eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li s-socjeta' attrici kienet qed tippretendi l-hlas ta' *premia* ta' karozzi li ma kienux proprjeta' tal-konvenut.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-konvenut kien qabbad lis-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited bhala *insurance brokers* tieghu u din kienet qabdet lis-socjeta' attrici bhala kumpanija ta' assikurazzjoni u l-konvenut kien ihallas lis-socjeta' *broker* u din thallas lis-socjeta' attrici. Jidher li l-ammont dovut mill-konvenut fis-sena 2003 kien ta' Lm10,384.10 tant li fuq l-istess ammont kienet saret ittra ufficjali datata 13 ta' Settembru 2003 u minn dak in-nhar sar xi tnaqqis mill-istess ammont dovut minhabba *credit notes* u *refunds* favur il-konvenut u thallset ukoll il-*claim* indikata fl-affidavit ta' Rose Desira datat 15 ta' Mejju 2006. Fil-fatt l-ammont bilancjali dovut kien ta' Lm7,629.75 kif indikat fid-Dok. "RD" a fol. 29 tal-process u jidher li l-ammont mitlub fic-citazzjoni jirreferi ghall-tigdid ta' poloz ta' 12-il vettura ghas-snin 2000, 2001, 2002, li kienu ilhom jiggeddu mis-sena 1997 u l-ohrajn ghat-13-il vettura ohra li inhargitilhom polza gdida ghas-snin 2001/2002 u dan dejjem taht *"fleet policy insurance"*, liema kuntratt ta' assikurazzjoni kien hareg favur il-konvenut kif jidher car mid-dokumenti mmarkati bhala Dok. "RD3" sa Dok. "RD101".

Illi dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut jirrizulta li fix-xhieda tieghu l-konvenut jirreferi ghall-karozzi ndikati fl-affidavit

tieghu tal-15 ta' Mejju 2006 a fol. 19 tal-process u jindika li l-ammont ta' Lm786.20 ghandu jigi rifuz lilu ghaliex thallas minnu ghall-karozzi li qatt ma kienu fuqu, u a fol. 20 jindika li mill-ammont mitlub trid titnaqqas wkoll is-somma ta' Lm404.92 relattiv ghall-*premia* li qed jintalbu biex jithallsu minnu mis-socjeta' attrici li ma kienx dovut li jhallas ghaliex il-karozzi ma kienux fuq ismu.

Illi din l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi accettata ghaliex jidher car mill-provi kollha prodotti li kien l-istess konvenut li ta struzzjonijiet lis-socjeta' li huwa nkariga bhala *broke*r sabiex tinxurja l-istess karozzi taht l-imsemmija poloz jew polza. Fil-fatt dan kollu huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Vittorio Laferla, Senior Executive tas-socjeta' attrici li jindika li l-istruzzjonijiet dwar il-vetturi ndikati mill-konvenut kienu ndikati lilhom proprju mis-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited (affidavit datat 7 ta' Lulju 2006). Min-naha tieghu Leslie D. Borg, Direttur tas-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited ikkonferma li l-vetturi li kienu gew inxurjati f'isem il-konvenut kienu jigu ndikati lilhom mill-istess konvenut, u wara l-istess socjeta' kienet tindikahom lis-socjeta' attrici sabiex jigu nkluzi taht *"fleet policies".* B'hekk is-socjeta' attrici kienet tinxurja skond id-dettalji moghtija lilha mis-socjeta' msemmija, li kienet tagixxi bhala *broker* tal-konvenut, u ovvjament id-dettalji tal-vetturi kienu jigu mill-konvenuti stess.

Illi fil-fatt dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-konvenut stess moghtija fil-kontro-ezami tieghu tat- 8 ta' Frar 2007, li ammetta li huwa kien jindika n-numru ta' registrazzjoni tal-vetturi lis-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited u huwa kien jircievi l-poloz relattivi u qatt ma qal xejn lis-socjeta' attrici dwar l-istess u f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghaliex l-istess socjeta' attrici mxiet dejjem fuq struzzjonijiet moghtija lilha mill-konvenut *tramite* s-socjeta' li huwa nkariga u hatar bhala *broker* tieghu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef sitt mija disgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,629.75), rapprezentanti prezz ta' diversi *premia* u boll fuq imsemmija u dovuti kif indikat fic-citazzjoni attrici.

Bl-imghax legali fuq l-imsemmija somma mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru 2003 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------